San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – Il-Hamis 18 ta' Awwissu 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fis-1:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ġie trattat ir-rapport mibgħut mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bħala follow-up tal-laqgħa rigward l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill. Sar qbi li għandna nirrispondu għar-rimarka li dehret f'item E tar-rapport, li għal dik l-ispiża ndikata, kien hemm dħul kontrieħa.

3.1 Ġet trattata l-ittra mingħand il-Bird Life u Transport Malta rigward xi informazzjoni sabiex jitpoġġew tabelli dwargħasafar fid-Dwerja u liema tabelli

jkollhom fuqhom l-arma tal-Kunsill. Kien hemm qbil li dawn isiru u jsiru bil-kooperazzjoni tal-Kunsill.

## 4.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

**4.1** Saret referenza għall-Interviews tal-post ta' Segretarju Eżekuttiv u għar-rapport preparat mill-Bord li kien kompost mis-Sindku Noel Formosa bħala Chairman (mingħajr vot), mill-Aġent Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber bħala Segretarja, u l-membri Dolindo Cassar, Joseph Camilleri u Rueben Cassar bil-vot. Wara interview intensiv mall-applikanti kollha, l-għazla waqgħet fuq Josianne Cassar li kwalifikat fl-ewwel post tal-interview skont il-merit order stabilita'.

4.2 Il-Kunsill qabel unanimament mal-għażla tal-Bord u qabel li mmedjatament għandu jinforma lil Josianne Cassar bl-għazla tagħha u sar qbil li għandu jintbgħat ir-rapport u d-dokumenti meħtieġa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 5.0 Swejjaq

5.0 Ġiet diskussa fid-dettal l-attività Swejjaq li ser issir nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru. Saret referenza għal-budget approvat bħala parti mill-European Mobility Week.

5.1 Sar qbil li bħala pubblicità għandhom isiru aktar banners, u reklamar fuq Għawdex Illum, radjijiet lokali u fuq facebook page tal-Kunsill u billi jitqassam fuljett f'kull dar f'San Lawrenz.

5.2 Sar qbil li għandhom jiġu ordnati mwejjed u siġġijiet, u umbrellel. Bħala kwantità għandna naraw kemm stands ser ikollna u nimxu kważi mal-istess ammont li ġie ordnat fl-ewwel edizzjoni.

5.3 Sar qbil li għandu jinġab il-palk tal-Kultura.

5.4 Bħala entertainment għandna nġibu lid-Daqqaqa u bħala sound għandna nqabbdu lil Laurence Cauchi.

5.5 Sar qbil li għandna nordnaw ukoll is-servizz tal-Gwardjan Lokali u naraw kif nistgħu nġibu aktar barriers.

5.6 Sar qbil li għandu jkun hemm entertainment għat-tfal u li nqabbdu xi kumpanija li tisuplixxi logħob u ngħidulhom jiġu.

## 6.0 Young Enterprise f'San Lawrenz

6.0 Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Julian Azzoparadi tal-Young Enterprise. Huwa spjega l-makkinarju ta' kif taħdem il-Young Enterprise u kif tista' tgħin. Huwa spjega kif biex tibda kumpanija żgħira kemm hi żgħira trid kapital finanzjarju. Huwa saħaq wkoll fuq l-importanza li ż-żgħażagħ iħossu l-ownership tal-proġett u joħorġu huma bl-ideat tgħhom. Jridu jkunu huma li jidentifikaw is-suq u l-prodotti li jridu joħolqu.

6.1 Huwa saħaq fuq l-importanza li dan il-grupp ta' żgħażagħ ikollhom mentor biex jiggwidahom u li jħossu li fil-programm tagħhom hemm element kompettiv.

6.2 Wara s-Sur Azzopardi flimkien mas-Sindku ltaqa' mal-grupp ta' żgħażagħ li qed jaħdmu fuq il-Young Enterprise f'San Lawrenz.

## 7.0 Proposta ta' live streaming għat-Tieqa tad-Dwejra

7.1 Ġiet trattata l-proposta mibgħuta mingħand l-Alberta għal-live streaming tat-Tieqa tad-Dwejra. Sabiex jagħmlu dan huma talbu lill-Kunsill il-prezz ta' € 14,663. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondihom li l-proposta hija tajba ħafna iżda l-Kunsill ma jiflaħx għal din l-ispiża.

## 8.0 Storeroom għall-użu tal-Football Club

8.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi spjega li ġie avviċinat minn St. Laurence FC rigward il-possibilita' li l-Club jgħaddi lura l-parti mic-Childcare Centre li kien jużaha bhala store u jitlob lill-Kunsill sabiex jingħata l-Store Room li juża l-Kunsill maġenb il-librerija. Huwa semma' li l-Club lest li jagħmel it-trasferiment tal-għodda u materjal minn post għall-ieħor. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

8.2 Sar qbil li għandu jinġab skip u jintrema xi mbarazz jew oġġetti bla użu.

## 9.0 Estenzjoni ta' Triq Nicholas Monsarrat

9.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li ġiet kkuntatjat biex issir esproprjazzjoni tat-triq Nicholas Monsarrat u tiġi estiża u tingħaqad ma' Triq Wied Merill.

9.2 Saret diskussjoni dwar dan il-prinċipju u dwar jekk il-Kunsill jaqbilx li jitlob sabiex jinbeda l-proċess ta' esproprjazzjoni. Sar qbil li għandna nġibu Perit u jagħtina parir u jsir rapport, jerġa jiġi diskuss mill-Kunsill, tiġi approvata t-talba u titressaq sabiex isiru l-proċeduri meħtieġa għall-approvazzjoni. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Shawn Micallef jagħmel din il-biċċa xogħol.

## 10.0 Attivitajiet dementia-friendly

10.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li bħala parti mill-proġett tad-Dementia friendly, għandhom isiru xi attivitajiet. L-ewwel attivita' hija laqgħa nformattiva għall-pubbliku dwar id-dementia. Din ser issir nhar l-Erbgha 7 ta' Settembru f' 7.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## 11.0 Mgħodija ta' linji tal-eletriku minn taħt l-art (responsabilità tagħna) fil-bidu ta' Triq Nicholas Monsarrat

11.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li saret sabiex titneħħa kaxxa tad-dawl li tinsab fi Triq il-Wileġ ma propjetà privata qrib il-kantuniera ma' Triq Nicholas Monsarrat. Sar qbil li sabiex isir dan aktarx li jinħtieġ li ssir trinka.

11.2 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Inġinier li qed jieħu ħsieb il-proġett tal-Playing Field biex niddiskutu din il-materja u nħallu f'idejh biex jikkorrdina mal-Enemalta sabiex toħroġ bl-aħjar u l-orħos *option* possibli.

## 12.0 Manutenzjoni tal-Underground Bring-in-Sites

12.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li l-cover bins tal-bring-in-sites ta' Triq Nicholas Monsarrat issaddu u jinħtieġ li jinbidlu. Sar qbil li għandna nitolbu lill-istess supplier li kien provdihom biex jagħtina stima ta' 4 covers.

12.2 Is-Sindku rrefera għal-fatt li xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni li dawn huma msaqqfin fuq l-injam. Sar qbil li għandna nitolbu konferma ta' dan lill-Perit tal-proġett Godwin Sultana.

## 13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu japprova l-pagamenti kollha li hemm fl-iskeda u joħroġ il-pagament tagħhom.

## 14.0 Materji ohra

14.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mal-kunsillier Franco Buhagiar kellhom mal-Ministru Herrera u li rreferew għaliha bħala laqgħa tajba ħafna. Il-kunsillier Franco Buhagiar jixtieq jirrimarka li milli jidher l-Ministru kien *misleaded* mill-informazzjoni li akkwist qabel ħatar il-Kumitat. Is-Sindku semma' li wara li ġablu l-argumenti għalfejn il-Kunsill iħoss il-ħtieġa li jkun fuq il-Kumitat, jidher li l-Ministru kkonvinċa ruħu u ser jikkunsidra t-talba tal-Kunsill. Is-Sindku semma li qabel telqu mil-laqgħa il-Ministru Jose Herrera esprima li qed jaqbel li l-Kunsill għandu jkun fuq il-Kumitat.

14.2 Is-Sindku rrefera għall-attivita' biex tfakkar il-bombardament tal-gwerra u l-inawgurazzjoni tal-monument ta' din l-okkażjoni. Hu semma' kif din l-attivita intlaqgħet tajjeb ħafna. Sena oħra ser jaħbat il-75 anniversarju minn din il-ġrajja u għalhekk għandha terġa ssir din l-attivita'. Sar qbil li għandna nħallsu l-ispejjes tal-quddiesa.

14.3 Il-Kunsillier Joseph Cauchi rrimarka li l-mobile toilets f'nhar il-festa tal-lokal għandu jitpoġġa ħdejn id-disco waqt il-ħin tad-Disco u wara jerġgħu jittieħdu fil-post fejn ikunu stazzjonati.

14.4 Is-Sindku rrefera għad-dati l-ġodda tal-ġemellaġġ u għal fatt li huwa ilu xi żmien li bgħat lis-Sindku ta' Amaseno u dan għadu s'issa ma rrispondihx lura. Sar qbil li għandha tintbgħatlu reminder peress li l-attivita' qegħda toqrob.

14.5 Sar qbil li għandna ninkariga lill-handyman Joe Saliba sabiex iwaħħal Submeter fiċ-Ċentru tad-Dwejra.

14.6 Sar qbil li l-filter tal-generator tad-Dwejra għand jinbidel kull disa' xhur.

14.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-ħaddiem tal-Kunsill. Jidher li sar improvement u qed isir aktar xogħol.

14.8 Sar qbil li għandna nordnaw ix-xogħol tal-irranġar tal-pump room fil-pjazza mil-kuntrattur Joe Grima, kif maqbul fl-aħħar laqgħa jiġifieri li l-istess pump room tinqasam b'ħajt li jservi ta' reċipjent għall-ilma. Għandna nitolbuh stima tax-xogħol rikjest.

14.9 Il-kunsillier Joseph Cauchi rrefera għal fatt li jonqos xi covers tat-tappieri tal-festa. Sar qbil li għandna niċċekjaw x'hemm fl-istore u nwaħħlu lilhom u naraw x'jonqos.

14.10 Sar qbil li għandna nagħmlu aktar Slippery Signs fid-Dwejra. Isemma li l-Kunsill għamel u qed jagħmel diversi tabelli u sinjali però jidher li n-nies xorta waħda mhux qed jagħtu każ.

14.11 Sar qbil li għandhom jinxtraw Dog bins biex jitwaħħlu f'xi toroq fir-raħal.

14.12 Sar qbil li għandu jinbidel il-bank li hemm fid-daħla tal-iskola.

14.13 Is-Sindku semma li ser ikollu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija dwar aktar sigurtà fir-raħal u anke sabiex issir sorveljanza fuq il-ħruġ tal-iskart minn xi residenti.

## 15.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**